MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 61/2011

**Tarcisio Borg**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollha l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Tarcisio Borg fejn gie premess:-

Illi huwa xtara u akkwista minghand terzi proprjeta konsistenti f'ghalqa msejjha ta' Bieb ir-Ruwa, il-Bahrija, l/o Rabat, Malta liema proprjeta' kienet minn zmien ilu, zgur qabel l-1968, imdawwra b'hitam tas-sejjieh.

Illi dan l-ahhar huwa gie rinfaccjat b'enforcement notice fejn gie avzat illi kellu jnehhi l-hitan tas-sejjieh u fin-nuqqas ser jiddemolixxu l-istess l-ufficjali tal-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi kien gie hekk notifikat huwa ppresenta mandat ta' inibizzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn issottometta illi huwa ma kien ghamel l-ebda kostruzzjoni stante illi l-hitan tas-sejjieh kienu ilhom ezistenti mill-1968 u dan kif jirrizulta minn survey sheet u anke minn areal photograph li gew ezebiti ma' l-istess mandat.

Illi fl-istess mandat ta' inibizzjoni huwa ssottometta wkoll illi l-artikolu li jaghti s-setgha lill-intimata sabiex tohrog enforcement notice huwa s-segwenti:
"86. (1) Jekk ikun jidher lill-Awtorita' li attivita' tkun qed titwettaq minghajr l-ghoti ta' permess jew licenzja mehtiega taht dan l-Att jew li xi kondizzjoni li ghaliha l-permess jew il-licenzja li tkun inghatat fir-rigward ta' xi attivita' bhal dik li ma tkunx qed tigi mharsa jew tkun xorta'ohra tmur kontra d-dispozizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti li jinhargu taht dan l-Att l-Awtorta tista' tohrog ordnijiet biex twaqqas lil kull persuna li tkun qeda twettaq attivita' bhal dik:"

Illi l-esponent kompla jissottometta fil-mandat illi, kif kellu jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-mandat de quo, l-esponent m'ghamel l-ebda xoghol ta' kostruzzjoni kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti li jinhargu taht dan l-Att.

Illi ghalhekk issottometta illi l-enforcement notice in kwistjoni kien wiehed illegali u li kien ser jigi kkontestat b'kawza ad hoc.

Illi huwa talab illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili tilqa' l-mandat ta' inibizzjoni u tinibixxi lill-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar milli twaqqa jew tiddemolixxi hitan tas-sejjiegh fl-ghalqa msejjha ta' Bieb ir-Ruwa, il-Bahrija, l/o Rabat, Malta.

Illi in risposta ghal tali mandat l-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar eccepiet preliminarjament illi skont l-Artikolu 90(3) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta’ Malta “m’ghandu jinhareg l-ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta hi tkun ser tezercita l-jedd moghti lilha skont il-ligi ta’ direct action ….”

Illi permezz ta’ digriet tal-30 t’Awissu 2011, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-istess mandat minghar ma kkonsidrat il-mertu u dan stante li laqghat l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hawn fuq imsemmija (DOK A).

Illi huwa accettat fil-ligi u l-gurisprudenza kemm dik tal-Qrati taghna u kif ukoll f’dik tal-Qorti Ewropea, illi d-dritt ta’ smiegh xieraq jinkludi wkoll access ghal Qrati u dan kif stabbilit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u anke l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Illi inoltre kif gja gie sottomess quddiem il-Qorti li kienet qed titratta l-mandat ta’ inibizzjoni fuq imsemmi, d-dritt ta’ access ghal Qorti japplika anke fl-istadju tal-mandati kawtelatorju u mhux biss fl-istadju tal-kawza fil-mertu. In effetti dan il-prinicpju gie elaborat f’sentenzi bhas-sentenza fl-ismijiet MICALLEF v.MALTA (Applcation no 17056/06) deciza fil-15 t’Ottubru 2009.

Illi f’din il-kawza intqal hekk:

“On the basis of the material available to the Court in respect of the legislation of a relevant number of Member States of the Council of Europe, it appears that there is widespread consensus on the applicability of Article 6 to interim measures, including injunction proceedings. This conclusion is inferred from constitutional texts, codes of civil procedure and domestic case-law. In the majority of States (Albania, Austria, Azerbaijan, Belgium, Bulgaria, Croatia, Cyprus, Estonia, France, Germany, Hungary, Ireland, Italy. The Netherlands, Poland, Russia, San Marino, Serbia, Spain, Sweden, Switzerland and the United Kingdom) legislation suggests that Article 6

procedural safeguards (particularly the impartiality requirement) apply to interim and injunction proceedings either because the legislation makes no distinction as to the stage or type of proceedings to which the safeguards apply (such as the Constitutions of Spain, Italy, Greece and Switzerland), or because specific provisions governing interim measures reflect in some way the main safeguards embedded in Article 6 – as for example, legislation which specifies that provisions governing proceedings on the merits apply mutatis mutandis to injunction proceedings (such as Poland), or will dos o, unless otherwise stipulated (such as Germany)."

….

"The exclusion of interim measures from the ambit of Article 6 has so far been justified by the fact that they do not in principle determine civil rights and obligations. However, in circumstances where many contracting states face considerable backlogs in their overburdened justice systems leading to excessively long proceedings, a judge's decision on an injunction will often be tantamount to a decision on the merits of the claim for a substantial period of time, even permanently in exceptional cases. It follows that, frequently, interim and main proceedings decide the same "civil rights or obligations" and have the same resulting long lasting or permanent effects.

80. Against this background the Court no longer finds it justified to automatically characterise injunction proceedings as not determinative of civil rights or obligations. Nor is it convinced that a defect in such proceedings would necessarily be remedied at a later stage, namely, in proceedings on the merits governed by Article 6 since any prejudice suffered in the meantime may by then have become irreversible and with little realistic opportunity to redress the damage caused, except perhaps for the possibility of pecuniary compensation.

81. The Court thus considers that, for the above reasons, a change in the case-law is necessary."

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Michael Scicluna vs Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita’ dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita’ dwar Licenzjar deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef J.R. Micallef fit-28 ta’ Lulju, 2011 (Citazzjoni Numru. 668/2010). F’din is-sentenza l-Qrati taghna rritenew illi huma dejjem ghandhom il-poter jissindikaw il-legalita’ ta’ decizjonijiet amminsitrattivi. Fil-fatt il-Qorti qalet is-segwenti:-

“Bil-kliem taghhom, il-Qorti nghatat x’tifhem li l-imharrek jista’ jqis ruhu ‘l fuq mil-ligi jew li wahdu jaf ifissriha, jew li, f’kaz li se johrog li l-attur ghandu ragun, hemm dejjem il-possibilita’ li dak li tordna l-Qorti jista’ jhassru l-imharrek b’daqqa ta’ pinna. L-Awtorita’ pubblika sewwasew ghaliex hija awtorita’ li trid thares l-interess pubbliku – ma jixirqilhiex tpingi lilha nnifisha bhallikieku ma jmisshiex toqghod ghall-iskrutinju tal-Qrati.”

Illi l-effett ta’ l-artikolu 90(3) tal-kap. 504 tal-Ligijiet ta’ Malta effettivament qieghed icahhad lill-esponent mill-access li suppost ghandu ghall-Qrati anke fl-istadju ta’ mandati kawtelatorji.

Illi fil-frattemp l-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed tippersisti li taghmel dak li avzat li ser taghmel bl-avviz ta’ twettieq mahrug minnha.

Ghalhekk ir-rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat minn din il-Qorti li l-artikolu 90(3) tal-kap. 504 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn dan jipprekludi lill-Qrati milli jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, huwa nkompatibli mad-dispost ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u konsegwentement tiddikjara l-istess artikolu bhala null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u li konsegwentement jigi dikjarat li l-Qrati taghna ghandhom il-poter jakkordaw mandat kawtelatorji kontra l-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta din tkun harget avviz ta’ twettieq u li jinghataw dawk ir-rimedji li l-Qorti jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta’ dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, u li finalment il-Qorti

taghti provediment ad interim b’mod urgenti fis-sens illi l-Awtorita’ ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tigi inibita milli twaqqa jew tiddemolixxi hitan tas-sejjieh fl-ghalqa msejjha ta’ Bieb ir-Ruwa, il-Bahrija, l/o Rabat, Malta u dan affinche l-esponent jinghata rimedju finali u effettiv f’dawn il-proceduri biex imbaghad ma jkunx iktar prekluz milli jippresenta mandat ta’ inibizzjoni.

Bl-ispejjes.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.fejn gie sottomess:-

1) Preliminarjament, l-Awtorita` intimata ma twegibx ghall-lanjanzi tar-rikorrent, stante` li l-ligi hawn attakkata ma gietx promulgata minnha, u dan hu anke` evidenti mill-fatt li l-Awtorita` esponenti qed tigi mharrka “ghal kull interess li jista’ jkollha”.
2) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikors promotur hu wiehed sempliciment frivolu u vessatorju. Hu evidenti li din il-kawza saret biss sabiex bis-sahha taghha, r-rikorrent jittenta jottjeni interim measure biex l-Awtorita` tigi mizmuma milli taghmel dak li r-rikorrenti diga ipprova jinibiha milli taghmel fil-Mandat ta’ Inibizzjoni gja pprezentat minnu, u li gie michud mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (per Onor. Prim Imhallef Silvio Camilleri). Ghalhekk billi din il-kawza hi biss manuvra procedurali biex ir-rikorrent jirbah aktar zmien u jkompli jippersisti fl-illegalita` tieghu, it-talba tieghu m’ghandiex tigi milqugha.
3) Illi l-kontenut tar-rikors promotur hu skorrett billi l-artikolu 90 (3) tal-Kap 504 ma jipprekludix lill-Qorti milli takkorda mandati kawtelatorji kontra l-MEPA. Din, bl-akbar rispett, hi asserzjoni bla bazi u legalment hazina. Anzi, kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn mandati kontra l-MEPA gew akkordati. Dak li jghid l-artikolu 90 (1) tal-Kap 504 hu li fil-procedura maghrufa bhala direct action, u dan l-artikolu hu limitat ghal din il-procedura biss, ma jistax jinħareg minn qorti att kawtelatorju kontra l-Awtorità li jzommha milli tezercita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha waqt id-direct action, hlief jekk ikun hemm xi allegazzjoni li bis-sahha ta’ dik l-azzjoni, ikun ser jigi lezi xi

wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali tieghu. Ghalhekk hu kontro-sens li r-rikorrent qed jghid li din id-disposizzjoni tal-ligi ccahhadlu l-access tieghu ghal Qorti u milli jkollu smiegh xieraq, u cioe` li din il-ligi tikkozza mal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, meta l-ligi stess tghid li meta jkun hemm xi allegazzjoni fil-mandat kawtelatorju li hemm lezjoni ta' xi jedd fundamentali, din id-disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax u mandat kawtelatorju jista' jigi intavolat!
4) Fil-mertu, l-Awtorita` ser tispjega l-iter ta' dak illi sehh, minn fejn ghandu jirrizulta kemm dan ir-rikors hu wiehed altament fieragh.

Jirrizulta, bhala fatt, li l-Avviz sabiex Tieqaf u ta' Twettieq (enforcement notice) Riferenza ECF 560/06 inhareg kontra r-rikorrent fid-29 t'Awissu 2006.

Dan l-Avviz gie debitament notifikat lir-rikorrent fis-6 ta' Settembru 2006.

Illi aktar important minn hekk, ir-rikorrent kellu hmistax (15) il-jum[1] sabiex jappella skont il-ligi mill-Avviz sabiex Tieqaf u ta' Twettieq (enforcement notice) li kif gja nghad kien gie notifikat lilu fis-6 ta' Settembru 2006, liema jedd ta' appell ir-rikorrent ghazel li ma jezercitax, u ghalhekk wara li skada dan it-terminu, l-enforcement notice gie rez ezegwibbli u l-Awtorita` intimata kellha l-jedd li tghaddi ghad-direct action, jigifieri li tnehhi l-illegalita` hi.

Illi sal-lum ir-rikorrent m'ottemperax ruhhu mal-Avviz sabiex Tieqaf u ta' Twettieq (enforcement notice), billi la nehha l-izvilupp li kien sar u lanqas regga' s-sit lura ghall-istat originali fiz-zmien ta' sittax il-jum prefiss fl-Avviz.

Ukoll, kieku wiehed kellu jhares lejn il-mertu, ir-rikorrent isemmi li l-hitan in kwistjoni ilhom jezistu minn ta' l-inqas mis-sena 1968.

[1] Artikolu 52 (9) tal-Kap 356, vigenti fiz-zmien li nharget l-*enforcement notice*. Jinghad ukoll li taht il-ligi l-gdida, l-Kap 504, it-terminu ghall-appell baqa' ta' 15 il-jum

Fil-proceduri tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, r-rikorrent kien annetta aerial photograph tas-sena 1967 bhala prova ta’ dak li kien qed jghid. Issa huwa veru illi f’dan l-aerial photograph, jirrizulta li kien hemm pedament ta’ tlett hitan. Pero` sussegwentement tnehha kull pedament mill-ghalqa, b’mod u manjiera li l-ghalqa ma baqghet cirkondata minn ebda pedament jew hajt. Jekk wiehed ihares lejn l-aerial photograph tas-sena 2004, wiehed jara illi l-ghalqa mertu tal-mandat ma hi cirkondata minn ebda hajt. Jekk wiehed izda imbaghad ihares lejn l- aerial photograph tas-sena 2008, wiehed jara l-ghalqa mertu tal-mandat cirkondata b’erba’ hitan tas-sejjiegh. Mela allura ma hemmx l-icken dubju li dan l-izvilupp sar bejn is-sena 2004 u 2008, u ghalhekk kien jehtieg permess, liema permess ir-rikorrent qatt m’applika ghalih mal-Awtorita` intimata.

Jinghad ukoll, u dan il-punt hu importanti ferm, li l-ghalqa in kwistjoni tinsab f’Area of Archaeological Importance scheduled Class A, li fiha cart-ruts, tombs u irrigation channels. Ghalhekk biex isir kwalunkwe` zvilupp trid issir full development application, u f’dan il-kaz propju jirrizulta li ma sar xejn minn dan, izda r-rikorrent ghaddas rasu u ghamel fattih.

Jirrizulta wkoll li fis-sena 2006 u 2007, ir-rikorrent kien issottometta applikazzjonijiet (PA 5304/06) u (PA 7385/07) lill-Awtorita` intimata fejn talab li jkun hemm sanctioning ta’ wiehed mill-hitan ta’ din l-ghalqa li bena bla ebda permess - u kif ukoll talab sabiex jgholli it-tlett hitan l-ohra ta’ din l-ghalqa (skont hu dawn it-tlett hitan kienu pre-existing), liema talbiet kienu gew michuda. Minkejja dawn ic-cahdiet, ir-rikorrent xorta ghaddas rasu u halla l-hitan kif kienu, jigifieri it-tlieta li skont hu kienu pre-existing qabad u ghollihom u minkejja li l-applikazzjoni ghal sanctioning giet michuda hallihom kif kienu, u l-hajt li qabad u zied hallih hemm minkejja li l-applikazzjoni relattiva ghal sanctioning giet michuda wkoll.

Mela dan kollu jfisser li r-rikorrent stess jirrikonoxxi u jaccetta li tlett hitan huma mibnija f’gholi li ghalih m’hemmx permess, filwaqt li hajt iehor hu mibni kollu

minghajr permess, ghaliex kieku ma kienx jaghmel talba ghal sanctioning. U l-Awtorita` hawnhekk terga' taccenna li mhux biss il-parti l-kbira tal-izvilupp mertu tal-mandat hi bla permess, izda l-izvilupp kollu kemm hu.

Illi hu evidenti li dak li jrid l-artikolu 90 (3) tal-Kap 504 hu li ma jkunx hemm sitwazzjonijiet fejn ikun hemm "titolu ezekttiv" favur l-Awtorita` kontra persuna li tkun qed tabbuza, u li dik il-persuna minkejja kollox tkun tista' tintavola mandat kawtelatorju quddiem Qorti biex twaqqaf lill-MEPA milli tnehhi l-bini illegali. Qisu r-rikorrent qed jippretendi li kellu kawza quddiem il-Qorti, tilifha, ghaddiet in gudikat u mbaghad ghax inhareg mandat ezekuttiv kontrih mill-kontro-parti, qed jippretendi li ghandu l-jedd li jintavola mandat kawtelatorju biex izomm lill-kontro-parti milli tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li ghandha kontrih!

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha skond l-Awtorita' intimata t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda billi mhumiex gustifikati.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru u Avukat Ġenerali fejn gie sottomess:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, hija l-umli fehma ta' l-esponenti li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-rikors promutur ma jirriżultax li r-rikorrent eżawrixxa li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat li kienu disponibbli favur tiegħu;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors promutur huwa frivolu u vessatorju in kwantu huwa manifest li l-proċeduri odjerni ġew intavolati biss sabiex ir-rikorrent jirbaħ aktar żmien u jkompli jippersisti fl-illegaità tiegħu;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar

id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

3.1 Illi mhux minnu li l-artikolu 90(3) tal-Kap 504 jipprekludi lill-Qorti milli takkorda mandati kawtelatorji kontra l-MEPA kif qed jallega r-rikorrent. L-artikolu 90 tal-Kap 504 jgħid iżda li meta l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tieħu 'direct action' f'każijiet fejn persuna li tiġi notifikata b'avviż ta' infurzar u twettieq ma tottemporax ruħa ma dak l-ordni, salv id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ma għandu jinħareg jew jingħata minn l-ebda qorti ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorità li jżommha milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 90 tal-Kap 504, ossija milli tieħu 'direct action'. Għalhekk huwa kontro-sens li r-rikorrent qed jgħid li din d-disposizzjoni tal-liġi iċċaħħaddlu l-aċċess tiegħu għal Qorti u milli jkollu smiegħ xieraq in kwantu l-istess artikolu tal-liġi tispeċifika li tista' ssir deroga minnha fl-eventwalità ta' leżjoni ta' xi jedd fondamentali;

3.2 Illi mhux minnu li l-artikolu 90(3) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed iċaħħad lir-rikorrent mill-aċċess għall-Qrati. Anzi, huwa evidenti li l-iskop ta' l-artikolu 90(3) tal-Kap 504 huwa unikament li ma jkunx hemm sitwazzjonijiet fejn filwaqt li l-Awtorità tkun kisbet 'titolu eżekuttiv' favur persuna li tkun qed tabbuża, dik il-persuna tiġi permessa tippersisti fl-istat ta' illegailtà bi ħruġ ta' mandati kawtelatorji. F' dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, meta persuna li tkun qed tabbuża u ma tottemporax ruħa ma l-avviż ta' Infurzar u Twettieq maħruġ mill-Awotorità, isegwi illi m'għandu jkun hemm xejn x'jostakola l-Awtorità milli tieħu dawk il-passi meħtieġa sabiex twettaq dak mitlub fl-avviż ta' infurzar;

3.3 Illi minn dan isegwi ukoll illi ċ-ċirkostanzi fil-każ fl-ismijiet 'Micallef vs Malta' deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Ottubru 2009, li ġiet kkwotata mir-rikorrent, huma ben diversi minn dawk odjerni. Kif tajjeb osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-

deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Awissu 2011, annessa mar-rikors promutur bħala 'Dok A', ma hemm xejn fid-deċiżjoni ta' 'Micallef vs Malta' 'li b'xi mod jimplika li din il-Qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti minkejja d-divjet ta' l-artikolu 90(3) tal-Kap 504. Ma hemm xejn f'dik is-sentenza li jista' jimplika li l-Istat irid neċessarjament jipprovdi għal xi miżuri interlokutorji (interim measures) in ġenerali jew għall-ħruġ ta' xi mandat ta' inibizzjoni bħal dak rikjest partikolari. Dak li ddeċidiet il-Qorti Ewropeja f'dak il-każ hu li f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tipprevedi t-teħid ta' miżuri interlokutorji bħal mandat ta' inibizzjoni, u jekk dik il-miżura interlokutorja tista' titqies deċiżiva ta' dritt ċivili ta' persuna, allura jkun applikabbli għaliha l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Minn dan hawnhekk ma hawn xejn. Fil-każ tar-rikorrent il-liġi ma tipprevedix fil-konfront tal-Awtorità intimata it-teħid ta' miżura interlokutorja (interim measure), anzi teskludi tali miżura fir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-Awtorità intimata. Is-sentenza ċitata għalhekk ma tagħmilx għall-każ odjern';

3.4 Illi r-rikorrent għamel referenza ukoll għad-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Ċivili Prim' Awla, fl-ismijiet 'Michael Scicluna vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika bħala Awtorità dwar il-Liċenzjar' liema deċiżjoni għada pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Bir-rispett dovut, din id-deċiżjoni tiffeferi għal liġi speċjali u ċirkostanzi partikolari, dwar il-liċenzjar ta' spiżerija, li m'għandhom l-ebda applikazzjoni fil-każ de quo. Jiġi enfasizzat ukoll li ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali o meno f'dik id-deċiżjoni;

4. Illi finalment u mingħajr preġudizzju, dato ma non concesso li ġew leżi d-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u/jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottomettu wkoll illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti fis-sens li din l-Onorabbli Qorti 'tagħti provvediment ad interim b'mod urġenti fis-sens illi l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiġi inibita milli twaqqa jew tiddemolixxi ħitan tas-sejjieħ fl-għalqa msejjħa ta' Bieb ir-Ruwa, il-Baħrija, l/o Rabat, Malta' huwa rimedju li mhux ġustifikat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ta' Rueben Gauci ppresentat mill-Awtorita' intimata.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1114/2011 fl-ismijiet “Tarcisio Borg vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” deciz fit-30 ta' Awissu 2011, liema atti gew annessi mal-presenti b'dikriet tal-10 ta' Novembru 2011.
Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tar-rikorrenti Tarcisio Borg.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet congiunta responsiva tal-intimati Onor. Prim Ministru u tal-Avukat Generali.

Rat in-nota ta' osservazzjonijietr resposiva tal-Awtorita' intimata.

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt**

Illi permezz ta' rikors ipprezentat nhar it-22 ta' Settembru 2011, ir-rikorrent Tarcisio Borg talab lil din il-Qorti joghgobha (i) tiddikjara illi l-artikolu 90(3) tal-kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn dan jipprekludi lill-Qrati milli jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambejnt u l-Ippjanar, huwa inkompatibli mad-dispost tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u konsegwentament tiddikjara l-istess artikolu bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; (ii) konsegwentament tiddikjara illi l-Qrati taghna ghandhom il-poter jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta din harget avviz ta' twettiq (iii) taghtih dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq

imsemmija, u (iv) finalment taghti provvediment ad interim fis-sens illi l-Awtorita' ta' Malta dwar L-Ambjent u l-Ippjanar tigi inibita milli twaqqa jew tiddemolixxi hitan tas-sejjieh fl-ghalqa msejjha ta' Bieb ir-Ruwa, il-Bahrija r-Rabat, Malta u dan affinche l-esponent jinghata rimedju finali u effettiv f'dawn il-proceduri biex imbaghad ma jkunx iktar prekluz milli jipprezenta mandat ta' inibizzjoni.

Illi b'risposta ghal dan ir-rikors l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar wiegbet bis-segwenti eccezzjonijiet; (i) Preliminarjament, l-Awtorita' Intimata ma twegibx ghall-lanjanzi tar-rikorrent, stante li l-ligi hawn attakata ma gietx promulgata minnha, u dan hu anke evidenti mill-fatt illi l-Awtorita' esponenti qed tigi mharrka "ghal kull interess li jista' jkollha"; (ii) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikors promutur hu wiehed sempliciment frivolu u vessatorju;
(iii) Il-kontenut tar-rikors promotur huwa skorret billi l-Artikolu 90(3) tal-Kap. 504 ma jipprekludix lill-Qorti milli takkorda mandati kawtelatorji kontra l-MEPA; (iv) fil-mertu l-Awtorita' esponenti spjegat l-iter ta' dak li sehh, minn fejn irrizulta kemm ir-rikors tal-attur hu wiehed altament fieragh.

B'risposta ghal dan ir-rikors l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali wieġbu illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji; illi r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju; illi l-artikolu 90 (3) bl-ebda mod ma jikser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi mill-atti tal-proċess tal-mandat ta' inibizzjoni jirrizulta s-segwenti:-

Illi fit-22 ta' Awissu 2006 u fit-3 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrent Tarciso Borg talab li jigi "sanctioned" wieħed mill-ħitan ta' għalqa tiegħu u talab ukoll sabiex jgħolli t-tliet ħitan l-oħra ta' din l-għalqa, kif ukoll sabiex iħaffer ġiebja u jibni pump room fuqha. Iżda dawn it-talbiet ġew miċħuda mill-MEPA (Dok RG8 u Dok RG9).

Sussegwentament, ir-rikorrent irranga wiehed mill-hitan divizorji. L-istess rikorrent jissottometti li ghal din ir-

rikostruzzjoni ta hajt li gia kien hemm ma kien ebda bzonn ta' permess.

Konsegwentament l-Awtorita' intimata harget l-Avviz ghat-Twaqqif ta' Twettieq (enforcement notice) Referenza ECF 560/06 kontra r-rikorrent fid-29 ta' Awissu 2006, u inoltre r-rikorrent gie nnotifikat bl-istess nhar is-6 ta' Settembru 2006.

Illi ai termini tal-artikolu 52(9) tal-Kap 356, il-ligi vigenti fiz-zmien illi nharget l-enforcement notice (liema terminu baqa l-istess taht il-ligi l-gdida Kap 504.) ir-rikorrent kellu 15 il-jum sabiex jappella mill-Avviz, pero jirriżulta illi huwa ma appellax. Dan ifisser illi l-enforcement notice gie rez ezegwibbli u l-Awtorita' intimata għaddiet ghad-direct action bil-ghan li tneħħi l-illegalita'.

Illi ghalkemm ir-rikorrent allega illi l-hitan in kwistjoni ilhom jezistu mill-inqas mis-sena 1968, l-intimata Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħid illi ġie ipprovat fil-kawża illi l-izvilupp sar bejn is-sena 2004 u 2008, u ghalhekk tali żvilupp kien jehtieg permess, liema permess ir-rikorrent qatt ma applika ghalih mal-Awtorita'.

Ir-rikorrent talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li pero' gie michud għab-bażi tal-artikolu 90(3) tal-kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li wara li jinhareg enforcement notice l-Qorti ma tistax tawtorizza l-hrug ta' mandati kawtelatorji kontra l-MEPA.

Bil-preżenti kawża kostituzzjonali, ir-rikorrent qiegħed jitlob principalment li jigi dikjarat li l-imsemmi artikolu 90(3) tal-kap.504 tal-Ligijiet ta' Malta, hu leżiv tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u li konsegwentement li l-imsemmi artikolu jigi dikjarat li hu null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

**Konsiderazzjonijiet ta’ ligi**

**Eccezzjoni preliminari tal-Awtorita’ intimata**

Illi in linea preliminari l-Awtorita’ intimata eccipiet li hi ma twegibx ghall-lanjanzi tar-rikorrent, stante li l-ligi hawn attakkata ma gietx promulgata minnha, u dan hu anke evidenti mill-fatt illi l-Awtorita’ esponenti qed tigi mharrka “ghal kull interess li jista’ jkollha.”

Din l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtoritá jisthoqqilha li tigi michuda nonostante li jista jinghad li hu korrett li jinghad li l-Awtorita’ intimata ma tippromulgax ligijiet izda l-istess Awtorita’ kienet involuta fil-proceduri tal-mandat ta’ inibizzjoni, li hu essenzjalment parti mill-meritu tal-presenti proceduri u ghalhekk ghandha interess f’dawn il-proceduri kif ukoll fl-esitu taghhom. Possibilment din hi r-raguni ghaliex l-Awtorita’ intimata gie citata “ghal kull interess li jista jkollha.”

**Legittimu contradittur**

Inoltre l-intimati l-ohra l-Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali, f’din l-istess vena u fin-nota tas-sottomissjonijiet taghhom, jissottomettu li mill-provi jirriżulta li l-intmat Onorevoli Prim’ Ministru mhux il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi tar-rikorrent u dan a bazi tal-artikolu 181B tal-Kap,12 tal-Liġijiet ta’ Malta u għaldaqstant huwa għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Din l-eċezzjoni għandha tiġi akkolta stante li in vista tal-provedimenti tal-imsemmi artikolu tal-Kap.12 il-presenza tal-istess intimat mhux mehtiega f’dawn il-proċeduri. Kwindi l-intimat Prim Ministru għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.
Konsegwenti ghal dan kollu l-presenti proceduri ghandhom jissoktaw fil-konfront tal-Avukat Generali, li in effett skond l-istess artikolu, hu bla dubju l-legittimu kontradittur u kontra l-Awtorita’ intimata.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali**

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali cioe’ li din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 (Konvenzjoni Europea) in kwantu mir-rikors promutur ma jirriżultax li r-rikorrent eżawrixxa li mezzi xierqa ta’ rimedju għall-ksur allegat li kienu disponibbli favur tiegħu. Din l-eccezzjoni ukoll timmerita li tigi michuda. Fil-kawża “Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs” deciza fis-16 ta’ Jannar 2006, il-Qorti gabret b’mod komprensiv l-insenjament taghha fir-rigward il-kriterji li ghandhom jigwidaw lil Qorti fl-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni taghha.

Dawn huma s-segwenti:- L-ezistenza ta’ rimedju ordinarju, li ghandha tirrizulta bhala stat ta’ fatt attwali u objettiv, u li dan ir-rimedju jrid ikun wiehed accessibbli, xieraq, effettiv, adegwat u shih (kif ukoll ġie ritenut ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali f’ “Toutoungi Mouwafak v. Kummissarju tal-Pulizija”) biex jindirizza l-ksur lamentat. Biex rimedju jitqies effettiv, m’hemmx ghalfejn li jintwera li ser jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista’ jigi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaci. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-qrati ta’ indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b’kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin bizzejjed biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent; Izda meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri

ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali.

L-intimat Avukat Ġenerali jissottometti li r-rikorrent naqas milli jappella mill-Avviz sabiex Tieqaf u ta' Twettieq (enforcement notice) u issa konsegwentament ir-rikorrent ma jistax jallega ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq wara illi jkun huwa stess illi naqas milli jezercita' r-rimedji disponibbli ghalih skond il-ligi.

In effett hu minnu li r-rikorrent kellu dritt li jappella mid-decizjoni in kwestjoni u dana a tenur tal-artikolu 15 u t-tielet skeda tal-Kap 356, iżda huwa ma appellax. Meta r-rikorrent ma appellax l-imsemmi Avviż ġie reż eżegwibbli, daqs li kieku l-Awtorità kellha "titolu eżekuttiv" a favur tagħha. Pero, fil-kawża kostituzzjonali odjerna, r-rikorrent jilmenta illi l-artikolu 90(3) tal-kap.504 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprekludi lill-Qrati milli jakkordaw mandat kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, huwa inkompatibli mad-dispost ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. It-talba odjerna, kif gia gie rilevat, hi fis-sens li l-imsemmija artikolu tal-Kapitolu 504 jigi dikjarat li hu null u kwindi sakhemm dan l-istess artikolu ma jigix hekk dikjarat il-Qorti tal-Appell kienet bilfors vinkolata li tapplika l-provedimenti tal-istess artikolu.

Kwindi id-dritt ta' appell ma seta' qatt joffri rimedju gust u adegwat, liema rimedju appuntu r-rikorrenti qed ifittex permezz ta' dawn il-proceduri. Inoltre l-imsemmi rimedju tad-dritt ta' appell mid-deċiżjoni a tenur ta' l-artikolu 15 u t-tielet skeda tal-Kap 356, zgur li bl-ebda mod ma jindirizza l-ilmenti tar-rikorrent. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

**Tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali**

Timmerita ukoll li tigi miċħuda t-tieni eċċezzjoni tal-istess intimat Avukat Generali. Din l-eccezzjoni hi fis-sens li r-

rikors promotur hu wiehed frivolu u vessatorju. Dan l-ilment ukoll jimmerita li jigi rigettat stante li hu zgur li ma jirrizultax li l-imsemmi rikors hu maghmul bla ebda bazi. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-ilment tar-rikorrenti odjern hu wiehed serju u jimmerita li jigi approfondit.

**Meritu**

Fil-mertu ghandu minnufih jigi rilevat li din il-kawza tittratta esklusivament dwar jekk l-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 356 ghandux jigi ritenut li mhuwiex kompatibbli la ma l-Kostituzzjoni u lanqas ma l-Konvenzjoni Ewropea li hi parti mill-legislazzjoni nostrana. Isegwi li l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u l-fatti kollha konnessi ma tali hrug huma ghal kollox irrilevanti ghall-finijiet tal-presenti. Il-Qorti ghalhekk mhux ser tittratta u lanqas tikkonsidra l-varji sottomissjonijiet li saru mill-partijiet dwar il-hrug per se tal-imsemmi mandat.

**Artikolu 90(3) tal-Kapitolu 504**

Dan l-artikolu jipprovdi testwalment - "m'ghandux jinhareg l-ebda att kawtelatorju kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta hi tkun ser tezercita l-jedd moghti lilha skond il-ligi ta' direct action…"

Ir-rikorrent hu tal-opinjoni li dan l-artikolu hu inkompatibli mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li jippreklui lil min ikun qed jissubixxi l-agir tal-imsemmija Awtorita' mill-access ghall-Qrati f'kaz ta' talba ghall-hrug ta' mandate Kawtolatorji. Ir-rikorrent ikompli jissottometti, korrettement, li skond il-gurisprudenza d-dritt ta' smiegħ xieraq sanċit mill-imsemmija artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni ghandhom jigu interpretati li għandu dejjem ikun possibbli access ghall-Qorti sabiex tigi determinata xi pretensjoni li tirrigwarda dritt civili. Ikompli jissotometti li tali dritt japplika ukoll fl-istadju preliminari tal-proceduri u cioe' hu ukoll applikabbli fl-istadju tal-mandati kawtelatorji.

Fir-rikors promotur ir-rikorrent jirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ewropea bl-ismijiet Micallef vs Malta (application no. 17056/06) deċiża fil-15 ta’ Ottubru 2009 fejn ġie ritenut illi d-dritt ta’ access ghall-Qrati ghandu jibda mill-mument tal-presentata tal-mandat kawtelatorju.

Hu ukoll korrett ir-rikorrenti meta jissottometti li l-mandat in kwestjoni presentat minnu, appuntu jikkoncerna drittijiet civili minnu pretizi. In effett ir-rikorrenti bit-talba tieghu ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni qed jikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita’ intimata li tiehu l-azzjoni li kienet qed timminaccia li ser tiehu u cioe’ li twaqqqa wiehed mill-hitan li jdawwru l-ghalqa tieghu.

Appuntu r-rikorrent isostni li t-talba kontenuta fil-mandat in kwestjoni kienet intisa biex jigi determinat jekk l-Awtorita’ intimata kelliex titwaqqaf milli tkompli bl-agir taghha li, skond ir-rikorrent, kien ser iwassal li huwa jitlef dritt li hu jippretendi li ghandu. Jekk ma kienitx ser tintlaqa t-talba tieghu ghal hrug tal-mandat hu seta irrimedjalment jitlef id-dritt minnu pretiz. Inoltre fil-kaz li r-rikorrenti ma ttentax li jottjeni l-hrug tal-mandat kawtolatorju hu zgur li l-Awtorita’ intimate kienet tibqa ghaddejja bl-azzjoni taghha u b’hekk id-dritt tar-rikorrenti seta gie irrimedjabbilment pregudikat.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rikorrent jgħid illi l-mandat kellu l-ghan li termporanjament jwaqqaf l-azzjoni minaccjata sakemm ikun hemm decizjoni finali mill-Qorti kompetenti.

Ghal dawn l-argumentazzjonijiet l-intimati jirribattu li l-artikolu 90(3) in kwestjoni, un effett ma jipprekludix il-Qorti milli takkorda mandati kawtelatorji kontra l-MEPA, iżda tali prekluzjoni tirreferi biss ghall-procedura magħrufa bhala “direct action.” Dan hu appuntu l-kaz hawnhekk. Hu zgur pero’ li dan l-argument, fil-kuntest ta’ dawn il-proceduri, ma jreggix. Dak li qed jigi sottomess mill-intimati hu minnu pero’ xorta jibqa il-fatt li f’dawn il-kazijiet min qed jissubixxi l-azzjoni tal-Awtorita’ kompetenti, jista jinghad li m’ghandux access ghal Qorti sabiex b’xi mod jikkontrasta l-agir ta’ Awtorita’ u dana minhabba li hekk trid il-ligi. Irid jigi specifikat li l-ligi, f’dan ir-rigward, tistipula li tesisti eccezzjoni ghal tali prekluzjoni u cioe’ jekk jkun qed jigi

allegat li bis-sahha ta’ l-azzjoni li tkun ser tittiehed mill-Awtorita’ jkun ser jigi lez xi wiehed mid-Drittijiet fundamentali tal-Bniedem, pero’ jidher li dan mhux il-kaz f’dawn il-proceduri.

Ghar-risoluzzjoni tal-kwestjoni kostiuzzjonali li ghandha quddiema din il-Qorti jrid l-ewwel jigi deciz jekk l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali ċitati mir-rikorrent fir-rikors promotur japplikawx għal aċċess għall-Qorti fil każ ta’ talba għall-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet “Albert sive Robert Borg vs. Kap Ezekuttiv Awtorita` Maltija tat-Turizmu” (Appell Civili numru. 56/2009/1), gie ritenut li sabiex jista jinghad li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jista jigi applikat għal deċiżjonijiet preliminari, bħalma huwa l-mandat, fl-ewwel lok ghandu jigi determinat jekk ir-rikorrent, ghandux “dritt civili” fit-termini tal-konvenzjoni, u f’kaz affermattiv, ghandu jigi deciz jekk decizjoni dwar dan id-dritt fil-proceduri preliminari tikkostitwixxix “decizjoni” cioe’ “determination” skont l-istess artikolu 6.

Anke tenut kont tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-artikolu konvenzjonali in kwestjoni jista jinghad li hu applikabli ghal kaz in ezami u cioe’ għal aċċess għall-Qorti anke f’każ ta’ talba għall-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju. In effett, fil-kaz in ezami, il-hrug tal-mandat in kwestjoni hu essenzjalment decizjoni dwar “dritt civili” li r-rikorrenti jippretendi li ghandu u dana ukoll fit-termini tal-artikolu in kwestjoni tal-konvenzjoni.

Huma applikabbli kemm l-artikolu tal-Kostituzzjoni u dak tal-Konvenzjoni stante li n-natura, l-iskop u l-effetti tad-decizjoni provvizorja jirrigwardaw dritt pretiz mir-rikorrenti u ser iwasslu effettivament sabiex il-kwestjoni tigi preliminarjament determinate sakhemm iku hemm decizjoni finali.. Dan qed jinhad fis-sens li decizjoni dwar mandat ta’ inibizzjoni tista tiddetermina jekk dritt pretiz jintilifx ghal dejjem jew le. Hawnhekk trid issir referenza ghal kaz deciz mill-Qorti Europea fl-ismijiet “Micallef vs Malta” (applikazzjoni numru 17056/06) deċiża fil-15 ta’ Ottubru 2009, L-imsemmija Qorti irreteniet li “preliminary

proceedings, like those concerned with the grant of an interim measure such as an injuction, are not normally considered to determine civil rights and obligations and do not therefore normally fall within the protection of Article 6 .....Nevertheless, in certain cases, the Court has applied Article 6 to interim proceedings, notably by reason of their being decisive for the civil rights of the applicant (see Aerts vs Belgium - 30 July 1998 - Reports 1998 - V and Boca vs Belgium no.50615/99 ECHR 2002-IX)."

Ghal precizjoni gie ukoll ritenut – "Moreover, it has held that an exception is to be made to the principle that Article 6 will not apply when the character of the interim decision exceptionally requires otherwise because the measure requested was drastic, disposed of the main action to a considerable degree, and unless reversed on appeal would have affected the legal rights of the parties for a substantial period of time [see Markass Car Hire Ltd v Cyprus [dec.] no. 51591/99, 23 October 2001]8. "....The Court no longer finds it justified to automatically characterise injunction proceedings as not determinative of civil rights or obligations."

Ghalhekk skond din id-decizjoni ma jistax jigi eskluz li fi proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni ikun qed jiġi deċiż dritt ċivili, u kwindi huma applikabbli l-provrdimenti tal-artikolu 6 tal-Kjonvenzjoni u tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tesamina jekk l-imsemmija artikoli effettivament gandhomx japplikaw għal dan il-kaz. Irid jigi ezaminat jekk ir-rikorrent kellux il-fakolta' li jaghmel dak li fil-fatt sehh u jekk kellux dritt civili x'jigi determinat bit-talba tieghu ghal hrug tal-mandat kawtelatorju. Hawnhekk, skond din il-Qorti, jesisti dritt civili Hu minnu li nharget "enforcement notice" kontra r-rikorrenti u dan peress li l-Awtorita' deherilha li huwa wettaq illegalita'. Dan hu kontestat mir-rikorrenti li jidhirlu li l-hajt kien ilu esistenti minn hafna zmien. Dawn pero' huma kwestjonijiet li ghandhom jigu determinati minn Qorti kompetenti. Konsegwentement ir-rikorrenti ghandu jkollu access ghal Qorti biex l-ewwel jigi determinat jekk l-Awtorita' intimata ghandhiex titwaqqaf milli tkompli bl-

azzjoni taghha u fit-tieni lok jekk id-drittijiet pretizi mir-rikorrenti humiex realment drittijiet tieghu. Dawn il-kwestjonijiet kollha m'ghandhomx jithallew fid-diskrezzjoni assoluta tal-imsemmija Awtorita'.

Jirrizulta li l-process kollu anke dak burokratiku li wassal ghas-sitwazzjoni presenti nvolva varji stadji li fihom kollox gie determinat u deciz mill-Awtorita' appellata fid-diskrezzjoni esklusiva taghha. Meta wasal il-mument meta kienet ser tittiehed l-azzjoni mill-Awtorita' r-rikorrenti ghandu jollu access ghall-Qorti sabiex jigu deteminati il-kwestjonijiet li gia gew indikati aktar il-fuq fil-presenti. Ghandu jasal il-mument fejn l-azzjoni tal-Awtorita' intimata tigi sindakata minn Qorti indipendenti u imparzjali.

Finalment jista jinghad li bil-mandat ta' inibizzjoni kienu ser jigu decizi u determinati dritt civili u dan fit-termini tal-artikolu 6 in kwestjoni.Fic-cirkostanzi kollha specjali ta' dan il-kaz l-Artikolu 6 precizament sub-artikolu (1) tal-Konvenzjoni hu applikabbli stante li l-istess artikolu japplika għall-proċeduri kawtelatorji.

In vista ta' dak kolu li gie premess jista jigi konkluz li l-artikolu 90(3) imur kontra il-provedimenti tal-artikoli tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea u tal-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni. L-eskluzjoni ex lege ta' proceduri kawtelatorji jwassal ghall-lezjoni tal-imsemmi artikolu 6, li jirrikjedi li kull hadd ghandu jkun jista' jressaq il-kaz tieghu ghad-determinazzjoni ta' drittijiet civili u obbligi tieghu quddiem Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-ligi.

Hu rilevanti li jigi nnotat li r-rikorrent, skond il-ligi, kellu ħmistax (15) il-jum sabiex jappella mill-"enforcement notice" izda hu ovvju li ghazel li ma jappellax. Dan pero' ma jbiddel xejn fir-rigward ta' dak kollu li gia gie premess u konstatat.

Din il-Qorti tista tadatta l-kliem uzat mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Michael Scicluna vs

Suprintendent tas-Sahha Pubblika nomine" deciza fit-28 ta' Lulju, 2011. Ghalhekk jista jinghad li minhabba l-kliem tal-ligi l-Awtorita' intimate tista thossha li hi 'l fuq mill-ligi jew li tista tinterpreta waheda l-ligi. jew li thoss li anke jekk ikun hemm decizjoni li hi ma taqbilx maghha hi dejjem tista tbiddilha. Ukoll li "l-Awtorita' pubblika sewwasew ghaliex hija awtorita' li trid thares l-interess pubbliku – ma jixirqilhiex tpingi lilha nnifisha bhallikieku ma jmisshiex toqghod ghall-iskrutinju tal-Qrati." Dawn il-kliem huma ben applikabbli ghall-kaz presenti u jiddisenjaw benn tajjeb ix-xenarju ta' dan il-kaz.

Minhabba r-ragunijiet moghtija ghandu jitqies li l-effetti ta' l-artikolu 90(3) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta effettivament qed icahhdu lir-rikorrenti mill-access li suppost ghandu ghall-Qrati anke fl-istadju preliminari tal-mandati kawtelatorji. Konsegwentement id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti qed jigu lezi.

Kwantu ghall-ewwel talba tar-rikorenti din ghandha tigi akkolta u kwindi ghandu jigi dikjarat li l-artikolu 90(3) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn dan jipprekludi lill-Qrati milli jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, huwa nkompatibli mad-disposizzjonijiet t ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u konsegwentement tiddikjara l-istess artikolu bhala null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi,

Fit-tieni lok ir-rikorrenti qed jitlob li bhala konsegwenza li tigi milqughha l-ewwel talba jigi dikjarat li l-Qrati taghna ghandhom il-poter jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta din tkun harget avviz ta' twettieq. Din it-tieni talba hi msejsa f'termini generali li mhux konformi mal-ordinament guridiku nostrani stante li sentenza teffettwa biss il-partijiet u ma jistax ikollha effetti "erga omnes." Ghalhekk din it-

tieni talba ukoll ghandha tigi akkolta pero' kwantu tolqot biss il-partijiet f'dawn il-proceduri. It-tielet talba tirrigwarda l-ghoti tar-rimedji xierqa ghat-twettiq tad-drittijiet tar-rikorrenti in vista tal-lezjonijiet li gew konstati. F'dan ir-rigward il-Qorti kompetenti ghandha tiehu konjizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni li gie presentat mir-rikorrenti kontra l-Awtorita' intimata u konsegwentement it-talba relattiva ghandha tigi deciza skond il-ligi. Inoltre sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrenti l-Awtorita' intimata ghandha tastjeni milli tiehu kwalunkwe azzjoni kontra r-rikorrenti sakhemm ma jigi deciz b'mod finali l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni. Mhux il-kaz li jinghataw rimedji ohra stante li b'dak li ser jigi gie deciz ser ikun bizzejjed sabiex jitharsu d-drittijiet tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi kollha

Fl-ewwel lok tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita intimata stante li l-istess Awtorita' ghandha twiegeb ghat-talbier tar-rikorrenti. Fit-tieni lok billi tilqa s-sottomissjoni tal-intimati Onor. Prim Ministru u Avukat Generali rigwardanti li l-intimat Onor. Prim Ministru mhux il-legittimu kontrsdittur f'dawn il-proceduri. B'hekk tillibera lill-intimat Onor. Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tielet lok tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali u tiddikjara li ser tiehu konjizzjoni u ser tiddeciedi l-presenti rikors. Fir-raba lok tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u tiddikjara li l-ilment tar-rikorrenti jisthoqqlu li jigi approfondit

Fil-hames lok u fil-meritu tilqa l-ewwel talba tar-rikorenti u kwindi tiddikjara li l-artikolu 90(3) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn dan jipprekludi lill-Qrati milli jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, huwa nkompatibli mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u konsegwentement tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti meta l-Qorti rrifjutat li tiddeciedi dwar il-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni u tiddikjara li l-istess artikolu hu null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi, Fis-

sitt lok tiddikjara li l-Qrati taghna ghandhom il-poter jakkordaw mandati kawtelatorji kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar meta din tkun harget avviz ta' twettieq pero' tali dikjarazzjoni hi effettiva biss bejn il-partijiet ghall-presenti proceduri. Fis-seba lok tidderigi lill-Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni u tiddeciedi skond il-ligi l-mandat ta' inibizzjoni in kwestjoni. Inoltre sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrenti tordna li l-Awtorita' intimata tastjeni milli tiehu kwalunkwe azzjoni kontra r-rikorrenti sakhemm ma jigix deciz b'mod definittiv l-istess mandat ta' inibizzjoni. Mhux il-kaz li jittiehdu provedimenti ulterjuri ghas-salvagwardja tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti peress li r-rimedji li nghataw sa issa huma bizzejjed sabiex jitharsu l-istess drittijiet tar-rikorrenti.

Din is-sentenza hi effettiva biss fil-konfront tal-Awtorita' intimata u tal-Avukat Generali.

L-ispejjes kollha jithallsu mill-intimati l-Avukat Generali u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bejnithom u in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------